- *Ħruġ minn triq sekondarja u traversar ta' triq ewlenija*

*B'erba' karreġġjati, tnejn f'kull direzzjoni u ħabta fl-*outer lane

*tal-ewwel żewġ karreġġjati meta l-vettura kienet laħqet qasmet*

*l-ewwel karreġġjata*

**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.**

**ILLUM, 3 TA' MARZU 2020.**

**Rikors Nru. 1162/13GM**

**Mario Cauchi ID 48882M**

**vs.**

**Joseph Spagnol ID 719962M**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Ġuramentat li permezz tiegħu, l-attur abbażi tal-premessi li:

1. Fid-29 ta' Ġunju 2010 huwa u jsuq *motorcycle* Honda targat FBV-543 fi Vjal Sdanta Lucia, Paola, l-esponent safa mtajjar mix-xarabank Ford

Plaxton targat EBY-490 li baqgħet nieżla minn ġo Triq il-Palma għal ġo Vjal Santa Luċija.

2. Dan l-inċident ġara unikament tort ta' l-intimat minħabba negliġenza, traskuraġni, mperizja, mprudenza u non osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut.
3. B'konsegwenza ta' dan l-inċident sofra danni mhux biss fil-motorcycle iżda, wkoll feriti ta' natura permanenti fuq il-persuna tiegħu tant li kien fil-periklu tal-mewt u kellu jiġi operat u dana kif ser jirriżulta wkoll aħjar waqt it-trattazzjoni tal-kawża.
4. Interpella lill-konvenut permezz ta' ittra uffiċjali tat-8 ta' Frar 2012 iżda dan baqa' inadempjenti.

Talab lil din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli għall-inċident awtomobilistiku li ġara nhar id-29 ta' Ġunju 2010 fi Vjal Santa Lucia, Paola, meta filwaqt li kien qed isuq ix-xarabank Ford Plaxton Targata EBY-490 huwa tajjru waqt li kien qed isuq il-motorcycle target FBV-543, u per konsegwenza sofra danni mhux biss fuq il-motorcyle iżda anki danni ta' natura permanenti fuq il-persuna tiegħu, liema inċident seħħ minħabba negliġenza, traskuraġni, mperizja, mprudenza u nuqqas t' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut.
2. Tillikwida d-danni kkaġunati lill-attur okkorrendo permezz ta' periti nominandi.
3. Tikkundanna lill-konvenut iħallsu s-somma hekk likwidata.

Bl-ispejjeż, kompriżi dawk ta' l-ittra uffiċjali tat-8 ta' Frar 2012, u bl-imgħax legali mid-data tan-notifika ta' l-istess ittra uffiċjali.

Rat ir-Risposta Ġuramentata li permezz tagħha l-konvenut eċċepixxa illi:-

1. It-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda billi l-inċident mertu ta' dina l-kawża tad-29 ta' Gunju 2010 ma seħħx bi ħtija tal-konvenut iżda bi ħtija ta' l-attur, u għalhekk il-konvenut ma huwa responsabbli għal ebda danni sofferti mill-attur.

2. Subordinatament u mingħajr preġudizzju, l-attur irid iġib prova tad-danni realment sofferti minħabba l-inċident, partikolarment tad-debilita` permanenti allegatament sofferta.

3. Subordinatament u mingħajr preġudizzju, it-talba għall-ħlas tal-imgħax kif dedotta hija infondata fil-fatt u fid-dritt billi f'każijiet bħal dawn l-imgħax ma jiddekorrix mid-data tan-notifika tal-ittra uffiċċjali.

Rat li bi provvediment tagħha tal-15 ta' Mejju 2014 ħatret bħala espert mediku lill-kirurgu ortopediku Charles Grixti sabiex jeżamina lill-attur u jgħid jekk l-istess attur hux qed ibagħti minn debilita` li ma tgħaddix u jekk dan hu l-każ, f'liema grad.[1];

Rat ir-rapport tal-espert mediku ppreżentat fit-18 ta' Ġunju 2014;[2]

Rat in-nota tal-konvenut ippreżentata fl-24 ta' Frar 2015 fejn talab l-ħatra ta' periti addizzjonali[3];

Rat il-verbal tagħha tad-9 ta' Diċembru 2015 fejn ħatret bħala periti mediċi addizzjonali lill-kirurgi Massimo Abela, Raymond Gatt u Mark Portelli[4];

Rat ir-rapport tal-istess periti mediċi addizzjonali tal-4 ta' Frar 2019[5];

---

[1] Fol 21.
[2] Fol 28.
[3] Fol 33.
[4] Fol 45.
[5] Fol 172.

Rat l-atti kollha tal-każ;

Ikkunsidrat:

***Dinamika tal-inċident***

Illi mhux ikkontestat illi l-inċident seħħ fi Vjal Santa Luċija, Paola bejn *motorcycle* misjuq mill-attur u xarabank misjuq mill-konvenut. L-attur kien għaddej fi Vjal Santa Luċija fuq il-karreġġjata ta' barra fid-direzzjoni mill-Marsa lejn Santa Luċija. Din it-triq li hija waħda ewlenija għandha wkoll żewġ karreġġjati fid-direzzjoni opposta għaż-żewġ karreġġjati li l-konvenut kien qiegħed isuq fl-*outer lane.* Il-konvenut ħareġ minn Triq Palma, li hija triq laterali u sekondarja, li tisbokka fuq in-naħa tax-xellug taż-żewġ karreġġjati ta' Vjal Santa Lucia fid-direzzjoni ta' Santa Lucija, qasam iż-żewġ karreġġjati msemmija u daħal fiż-żewġ karreġġjati li jagħtu fid-direzzjoni opposta ċjoe` lejn il-Marsa;

Illi jirriżulta oġġettivament, mir-rapport tal-Perit Richard Aquilina, li l-impatt seħħ bejn in-naħa ta' quddiem tal-*motorcycle* man-naħa ta' wara tal-ġemb lemini tax-xarabank, bejn ir-rota ta' wara u t-tarf ta' wara tiegħu, fl-*outer lane*, u waqt li l-parti l-kbira mit-tul tax-xarabank kien diġa` qiegħed fil-karreġġjati li jagħtu fid-direzzjoni tal-Marsa. Meta seħħ l-impatt, l-*inner lane* kien miftuħ filwaqt li l-*outer lane* kien ostakolat min-naħa ta' wara tax-xarabank;

Illi *a tempo vergine*, l-attur stqarr mal-pulizija li ma jiftakar xejn dwar l-inċident. Meta xehed quddiem din il-Qorti, jidher li ġietu lura l-memorja. L-attur ma jagħti l-ebda spjegazzjoni dwar għaliex dak li ma ftakarx meta l-inċident kien għadu frisk ftakru iktar tard. Lanqas ġie mistoqsi dwar dan meta ġie kkontro-eżaminat. L-attur xehed bil-mezz tal-affidavit[6], li permezz tiegħu ta' din il-verżjoni: Stqarr

[6] Fol 26

li qabel il-ħabta kien isuq fuq il-karreġġjata ta' barra bi speed ta' madwar 70 kilometru fis-siegħa. Ra quddiemu x-xarabank ser toħroġ minn Triq Palma. Fil-fatt ħarġet u ttraversat it-triq quddiemu. Ma setgħetx ittemm il-manuvra minħabba vetturi sejrin fid-direzzjoni tal-Marsa u għalhekk waqfet f'nofs it-triq u mblokkat iż-żewġ karreġġjati fid-direzzjoni ta' Santa Luċija. Dan ġara fi ftit sekondi, ma kellux imnejn jgħaddi u lanqas kellu ħin iżomm il-brejk; ħabat quddiem ir-rota ta' wara. Intilef minn sensih;

Illi l-attur sarlu l-kontro-eżami[7]. Fih xehed li eżatt qabel il-punt imnejn ħareġ ix-xarabank hemm daqsxejn ta' liwja u t-triq hija għat-telgħa. Dan illimitatlu l-viżwali. Meta ġie ssuġġerit lilu li qabel l-impatt ix-xarabank kienet diġa` ħarġet kollha minn Triq Palma wieġeb li "x-xarabank… ħareġ kif wasalt jiena l-aħħar naqra t-triq għalaqli lili… ma stajt ngħaddi minn imkien"[8] u kliem ieħor fl-istess sens. Mistoqsi mill-avukat tal-konvenut meta lemaħ ix-xarabank l-ewwel darba, wieġeb "kien ħa joħroġ huwa u ħiereg… hemmhekk dak il-ħin jiena tiela u x-xarabank ħiereġ[9]..."hu kien ħiereġ dak il-ħin u għamel vum f'daqqa, f'daqqa ħareġ. Gas dawn ħareġ[10]." Fuq domanda tal-Qorti, xehed li meta lemaħ ix-xarabank l-ewwel darba, kien bogħod minnha tul wieħed u nofs jew id-doppju tat-tul tal-awla 21 fejn kien qiegħed jixhed.[11] Tenna li x-xarabank waqaf għax kienu neżlin il-karozzi fid-direzzjoni tal-Marsa;

Illi ma ġietx prodotta l-verżjoni tal-konvenut *a tempo vergine.* Huwa wkoll xehed bil-mezz tal-affidavit[12], u ta' din il-verżjoni: Hu u ħiereġ minn Triq Palma waqaf għal kollox billi kien hemm stop-sign. Ħares 'il fuq u 'l isfel u, billi ma ra l-ebda vettura ġejja, ħareġ għal ġo Vjal Santa Luċija. Meta l-karozza tal-linja kienet għaddiet kważi kollha minn ġot-tieni karreġġjata (il-karreġġjata ta' barra, fejn kien għaddej l-attur) sema' daqqa fuq wara tax-xarabank. Meta ħares mill-mera

[7] fol 181
[8] fol 183
[9] fol 184
[10] fol 189
[11] fol 189
[12] fol 149

tal-ġenb tan-naħa tal-lemin ra mutur u persuna mal-art. Il-konvenut ġie kkontro-eżaminat darbtejn. Ċaħad li waqaf minħabba li vetturi sejrin fid-direzzjoni tal-Marsa; waqaf għax ħass il-ħabta tal-mutur;

*Obbligi rispettivi tas-sewwieqa fit-triq ewlenija u fis-*side road

Illi qajla jinħtieġ li jiġi ripetut dak li minn dejjem kien paċifiku fil-ġurisprudenza, illi s-sewwieq ħiereġ minn triq sekondarja għandu obbligu ta' vigilanza mill-iktar għolja. Għandu l-obbligu li jċedi għat-traffiku fuq il-*main road*, li jesplora tajjeb il-*main road* qabel ma johrog fiha, u li jimxi *dead slow*, u saħansitra li jwaqqaf, biex u sakemm jaċċerta ruħu li jista' joħroħ bla ħsara. Għandu jaċċerta ruħu mhux biss li jista' jibda l-manuvra tiegħu b'mod sikur, imma anke li ma joħloq l-ebda ostaklu sakemm jaqsam għal kollox[13]. Ma jistax joħroġ ġo *main road* bl-iżgiċċaturi[14]. "*The more risky and difficult the manoeuvre is, the greater the duty incumbent on the driver. In the sense therefore, that turning out of a side-road into a main road is more difficult than continuing a main road, the side-road's driver is higher*"[15];

Illi bħal kull sewwieq ieħor, huma x'inhuma ċ-ċirkostanzi, is-sewwieq fit-triq ewlenija wkoll għandu joqgħod attent fis-sewqan tiegħu fil-*cross roads*, għalkemm il-grad ta' diliġenza li jinkombi lilu hu ferm anqas minn dak tas-*side road user*, għax hu ma jkunx qiegħed jiddisturba l-kors tat-traffiku, imma jkun miexi fuq triq dritta[16];

Illi minn dawn il-principji u konsiderazzjonijiet kollha titnissel ċertament il-preżunzjoni, li tibqa' dejjem s'intendi *juris tantum* illi l-*main road user*, una volta

---

[13] App Civ. H.Farrugia vs R.Ripard. 15.2.74
[14] App.Krim Pul vs G.Gales Vol XXXVII.1108
[15] M'Nair v Glasgow Corporation; Hutchinson v Leslie
[16] Maġġur Alfred Stagno Navarra - vs- Nicola Saliba *et*, Appell Civili, 27 ta' Novembru 1961; Mark Sammut -vs- Maryse Germaine de la Fargue, Appell Civili, 2 ta' April 1976 (Vol XLV.i.389; Il-Pulizija vs G.Buttigieg et Vol XLV11.iv.1198; VOl XLV1.i.112; Camilleri vs Dimech App Civ. 27.7.91; Portelli vs Spiteri PA/JSP 16/12/93;PA Gauci Maistre vs Galea 22.2.94 JSP).

kellu d-dritta, kellu jitqies li ma kienx responsabbli ghall-incident sakemm is-*side road user* ma jippruvax illi l-*main road user* seta' jiġi kkwalifikat bħala *main road abuser*. Dan ifisser illi kien jinkombi fuq il-konvenut illi jġib prova adegwata li l-kawża prossima tal-kolliżjoni kienet għal kollox jew in parti dovuta għan-negliġenza fis-sewqan tal-*main road user*, inkella, jekk ma jirnexxielux jagħmel dan, il-*main road user* jibqa' sostenut mill-preċitata preżunzjoni[17];

Illi jirriżulta li l-konvenut ma esplorax biżżejjed it-triq ewlenija, tant li ma lemaħx il-mutur tal-attur ġej, la qabel qasam u lanqas huwa u jaqsam it-triq ewlenija, minkejja li seta' verament, kif jallega hu, waqaf fuq li *stop sign*. Ġaladarba lemħu l-attur ħiereġ mit-triq laterali, hekk ukoll kellu jinduna bih hu. Il-konvenut, fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu, jissottometti li huwa laħaq kważi għada miż-żewġ karreġġjati tant li l-impatt seħħ fuq in-naħa ta' wara tax-xarabank. Dan iżda m'huwa tal-ebda suffraġju għalih. Ġie ritenut minn dawn il-Qrati li l-fatt li min ikun ħareġ mit-triq laterali jiġi milqut meta jkun qasam biċċa sewwa mit-triq ewlenija huwa rrilevanti[18]. Il-verżjoni tal-attur li x-xarabank kien qed jagħlaqlu iż-żewġ karreġġjati u ma kellu mkien mnejn jgħaddi u għalhekk baqa' dieħel fih m'għandhiex mis-sewwa. Il-Qorti lanqas temmen il-verżjoni tal-attur li l-konvenut waqaf quddiemu għax ma setax ikompli jdur minħabba t-traffiku sejjer fid-direzzjoni tal-Marsa. Dan billi kieku kien hekk, il-*point of rest* tan-naħa ta' wara tax-xarabank kienet tkun dik tal-*point of impact* ċjoe` fil-karreġġjata tal-attur;

Illi stabbilit li l-konvenut għandu jġorr responsabilita` għall-inċident, l-attur m'għandu xejn x'jipprova iktar. Il-piż f'dan il-waqt idur fuq il-konvenut biex jipprova li l-attur kien *main road abuser*. Il-konvenut ittanta jipprova li l-attur kien qiegħed taħt l-influwenza tad-droga, jew tax-xorb, huwa u jsuq iżda ma

---

[17] Cecil Ellul -vs- Joseph Muscat, Appell, 6 ta' Ottubru 1999; GasanMamo Insurance Limited v Raymond Vella 22.06.2005 Qorti tal-Appell, Imħallef Philip Sciberras.

[18] Ara fost l-oħrajn **Pulizija v. C. Balzan,** Appell Kriminali, 27.05.1967 iċċitata mill-attur kif ukoll Nazzareno Azzopardi v Maria Dolores Fenech 30.06.2004 Prim'Awla, per Onor. Imħallef Geoffrey Valenzia

rnexxilux. Il-fatt li l-attur ikkondradixxa ruħu meta xehed li qabel l-inċident kien waħdu jdur bil-mutur iżda fl-istqarrija li ta lil Pulizija wara l-inċident kien qal li kien jinstab Buġibba fejn il-baħar ma' xi ħbieb tiegħu u telaq minn Buġibba xi nofs siegħa qabel ma ħabat ma ssarrafx b'daqshekk f'responsabilita` għall-inċident;

Illi lanqas jirriżulta li l-attur kien qiegħed isuq b'veloċita` eċċessiva. Skont l-istess attur – mhux kontradett – din kienet ta' 70 k.f.s. li hija aċċettabbli fi triq prinċipali u mhux abitata. Jgħid ukoll li l-attur seta' jevita l-ħabta billi jikser fuq il-karreġġjata tax-xellug. Il-Qorti iżda mhix konvinta li tabilħaqq l-attur kien f'qagħda li jagħmel hekk. Min-naħa l-oħra, jirriżulta li l-attur, mid-distanza li jiddeskrivi li ra lix-xarabank, seta' ħa miżuri biex jevita l-inċident. Seta' rrallenta l-veloċita` (u anke applika l-brejk, li *ex admissis* m'applikax. Dan juri li jew mhux veru lemaħ ix-xarabank ħiereġ, inkella għalkemm raħ, naqas li jieħu l-prekawzjonijiet meħtieġa biex jevita l-inċident;

Illi għalhekk jirriżulta li ż-żewġ sewwieqa kkontribwew biex seħħ is-sinistru, għalkemm il-konvenut għandu grad ta' responsabilita` ferm ikbar. Il-Qorti hi tal-fehma li l-konvenut għandu r-responsabbilta` prinċipali ġaladarba minn dak li ntqal hawn fuq hu evidenti li ostakola il-karreġġjata tal-attur. Kellu jaqsam żewġt karreġġjati u għalhekk ried juża l-massima attenzjoni u jkun ċert li mhux ġej traffiku. Kienet il-vettura tiegħu li nvadiet il-*flow of traffic* f'ħin meta kien hemm vettura għaddejja mit-triq prinċipali. Min-naħa l-oħra hemm ħtija kontributorja tal-attur minħabba nuqqas ta' *proper lookout* minn naħa tiegħu. Ħtija li l-Qorti qegħda tiffissa f'rata ta' 30%;

**Likwidazzjoni ta' danni**

*Damnum Emergens*

Illi għal dak li jirrigwarda id-*damnum emergens*, qed jitlob ukoll kumpens għad-danni subiti fuq il-mutur tiegħu għall-ammont ta' €733. Għalkemm l-attur ma ppreżenta l-ebda rċevuta u elenka biss l-ħsarat imġarrba, dan l-ammont ma ġiex kontestat min-naħa tal-konvenut. Għalhekk it-total tad-dannu emerġenti hu ta' €733;

*Lucrum Cessans:*

Illi sussegwentament għall-inċident, l-attur intilef minn sensih u meta reġa ġie f'sensih fid-Dipartiment tal-Emerġenza kien qed jilmenta b'uġigħ kbir fl-ispalla u l-koxxa tal-lemin. Kellu jinżamm ġimgħatejn l-isptar fejn kellha ssirlu operazzjoni minħabba ksur fl-għadma tal-koxxa tal-lemin (femur). Kellu juża l-krozzi għal madwar xahrejn. L-attur jilmenta minn skumdita` fil-koxxa tal-lemin meta jkun niżel it-taraġ kif ukoll wara li jimxi bla waqfien għal iżjed minn għoxrin minuta. Minħabba f'hekk kellu jieqaf imur jagħmel eżerċizzji il-*gym*. L-attur iħoss ukoll uġigħ fl-ispalla tal-lemin li xi drabi jqajjmu bil-lejl. L-uġigħ assoċjat ma' sensazzjonijiet ta' xokkijiet madwar il-parti leminija tal-għonq;

*Rata ta' Diżabilita`*

Illi l-ewwel perit mediku l-Kirurgu Mr Charles Grixti ikkonstata[19] illi l-ksur fil-*femur* tal-lemin li ġarrab l-attur ġie ffissat *b'intra-medullary nail* u *interlocking screws* u fieq b'mod tajjeb. Għandu limitazzjoni fil-*flexion* tal-hip tal-lemin li tista' taffettwah jekk jipprova jinżel kokka. Dan jipprova jagħmlu b'diffikulta`. Il-fatt li għad għandu l-metall fil-*femur* tal-lemin jista' jżid ir-riskju ta' infezzjoni

[19] Ara rapport a fol 28.

kemm-il darba dan ikollu xi *bacteraemia* (mikrobi fid-demm kaġun ta' xi infezzjoni x'imkien ieħor). Minħabba dan sakemm jiġi mneħħi l-metal, l-attur jibqa' jkun suġġett għal-possibilita` ta' nfezzjoni u għalhekk ta' rata ta' diżabilita' permanenti ta' 8%. La darba l-metal jitneħħa, r-riskju ta' infezzjoni ma jibqax u għalhekk id-diżabilita` permanenti tinżel minn 8% għal-1% u dan minhabba l-limitazzjoni tiegħu fil-moviment tal-gog tal-genb tal-lemin;

Illi fuq talba tal-konvenut, il-Qorti periti mediċi addizzjonali wara l-imsemmi r-rapport redatt minn Mr Charles Grixti;

Illi ġew maħtura tlett esperti mediċi addizzjonali – Mr Massimo Abela, Mr Ray Gatt u Mr Mark Portelli[20] li kkonstataw illi l-attur ġarrab ksur tal-għadma tal-koxxa tal-lemin u laċerazzjoni tal-fwied. L-attur jimxi b'mod normali mingħajr użu ta' bsaten jew krozzi. Għandu ċikatriċi ta' 16cm fil-parti laterali tal-ġog tal-koxxa, żewġ ċikatriċi ta' 1.5cm fuq in-naħa laterali tal-irkoppa leminija, ċikatriċi ta' 5x4cm fil-parti ta' quddiem minn fejn ħarġet l-għadma dakinhar tal-allegat inċident. Il-ġogi tal-koxox, irkoppa u għakiesi normali. Eżami newroloġiku huwa normali għal kollox. Mill-aħħar radjografiji li għamel jidher li l-ksur fieq għal kollox u f'pożizzjoni tajba għaldaqstant attribwixxew rata ta' diżabilita` ta' 5%. Ma kienux f'pożizzjoni li jesprimu opinjoni fuq il-laċerazzjoni tal-fwied li ġarrab;

Illi l-Qorti ma tarax li hemm raġuni l-għala għandha titbiegħed mill-konklużjoni ta' dawn l-esperti maħtura minnha stess speċjalment in vista illi l-konvenut mhux jikkontesta r-rata ta' diżabilita` attribwita;

Għaldaqstant il-Qorti qed tiffissa rata ta' diżabilita` sofferta mill-attur ta' 5%;

*Multiplier*

[20] Ara Rapport mediku a fol 172.

Illi l-kwestjoni tal-multiplier li normalment jintuża' bħala mezz biex it-telf ta' qligħ li jingħata l-attur jiġi kalkolat hija waħda li dwarha l-Qrati tagħna f'dawn l-aħħar żminijiet flew sewwa. Xi kittieba awtorevoli f'dan il-qasam ifissru lmultiplier bħala "*a figure somewhat less than the number of years for which the loss is likely to continue - that is, in a personal injury action, until the plaintiff's injuries cease to affect earnings or the plaintiff dies or retires. This figure is then reduced partly because of the 'contingencies' (i.e. that the plaintiff mighť not have lived or worked so long or mighť have lost earnings even if the accident had not occurred), and partly because the plaintiff is going to receive not an income but a capital sum which can be invested to produce an income. The multiplier is not the product of precise calculation, but of estimation in the light of the facts of the particular case and of other comparable cases*"[21]

Illi huwa stabilit li l-multiplier għandu jibda jitqies minn dak inhar li seħħ linċident li fih il-vittma tkun ġarrbet il-ġrieħi.[22] Fil-każ preżenti, jidher li l-attur fiż-żmien tal-inċident kellu 28 sena. Tenut kont taċ-*chances of life* tal-ħajja lavorattiva, din il-Qorti se taddotta multiplier ta' 30 sena.[23];

*Paga*

Illi l-attur fi żmien l-inċident (2010) kellu dħul gross ta' €8,432[24] u dħul nett ta' €6,849. Din il-paga trid tiġi aġġustata għall-għoli tal-ħajja għall-perijodu rimanenti tal-*multiplier*. Is-salarju tal-attur irid jiġi aġġustat ukoll skont ir-rata tal-inflazzjoni[25] li bħala medja f'dawn l-aħħar ħames snin kienet ta' 1.18% fis-sena[26]

---

[21] Peter Cane, Atiyah's Accidents, Compensation and the Law (6th Edit, 1999), paġ. 122.
[22] App. ġiv. 16.11.1983 fil-kawża fl-ismijiet Salvatore Mifsud v Carlo Camilleri.
[23] Ara tabella indikattiva fil-kawża Anthony Azzopardi u ibnu Dominic Azzopardi v Awtorita` dwar it-Trasport ta' Malta – P.A - 8.03.2012.
[24] Fol 87.
[25] F'sentenza mogħtija minn din il-Qorti kif diversament preseduta fid-19.05.2000 fl-ismijiet Joseph Galea vs. Charles Fenech pro et noe, il-Qorti stabbiliet illi, "meta d-danni jirrappreżentaw kumpens għal telf futur, il-Qorti trid tieħu in konsiderazzjoni l-effetti li l-inflazzjoni jkollha fuq l-introjtu perċepit fid-data tal-inċident proġettat fuq firxa ta' snin magħżula bħala l-multiplier."
[26] Bħala rata ta' inflazzjoni annwali qed tittieħed ir-rata ta' 1.18%, ir-rata medja tal-inflazzjoni f'dawn l-aħħar 5 snin skont in-National Statistics Office {1.10%(2015) + 0.64%(2016) + 1.37%(2017) + 1.16%(2018) + 1.64%(2019) ÷ 5= 0.96%}.

sabiex it-telf futur tal-attur qiegħed jiġi kkalkulat fuq is-salarju medju tiegħu aġġustat għall-għoli tal-ħajja ta' €6,849 + €9,273.55 / 2 = **€8,061.28** Hu dan l-ammont ta' salarju bażiku li l-Qorti ser tieħu għall-fini tal-komputazzjoni li trid tagħmel;

*Lump Sum Payment*

Illi kif diġa` ngħad minn din l-istess Qorti f'sentenzi oħra, "l-Qorti mhix sejra, kif soltu jsir, tagħmel tnaqqis minħabba li qiegħda tingħata *lump sum*. Tnaqqis bħal dan kien jagħmel sens sa ftit tas-snin ilu meta l-banek kummerċjali kienu jagħtu sa madwar 5% għal depożiti fissi. Li kien ifisser li f'ċerti każijiet, il-vittma kienet tieħu permezz tal-imgħax, somma ekwivalenti għall-paga li kien ikollha li kieku ma seħħx l-inċident; u fl-aħħar mill-aħħar tibqa' bis-somma kapitali f'idejha. Dan iżda mhuwiex il-każ fiż-żminijiet tal-lum, fejn l-imgħax huwa prattikament negliġibbli, u l-kapital ikollu "jittiekel"; fi kliem ieħor jiġi kkunsmat. Iktar u iktar billi issa għaddew kważi tmien snin mid-data tal-inċident"[27]. Fil-każ tallum għaddew disa' snin u nofs;

Illi a bażi tas-suespost, il-*lucrum cessans* għandu jiġi kkalkolat bil-mod segwenti:

€8,061.28 x 30 x 5% = €12,091.92

Għaldaqstant:
Damnum emergens = €733;
Lucrum cessans = €12,091.92;
Total tad-danni = €12,824.92;

[27] Trevor Grech v Lawrence Agius – Qorti Ċivili, Prim'Awla, 17.10.2018.

€12,824.92 x 70% = **€8,977.44**;

***Decide***

Għal dawn il-motivi, il-Qorti:

(1) tilqa' l-ewwel talba billi tiddikjara li l-inċident tat-traffiku li seħħ nhar id-29 ta' Ġunju 2010 fi Vjal Santa Luċija, Paola seħħ tort tal-konvenut b'dan li hemm ħtija kontributorja tal-attur ta' 30% kif spjegat hawn fuq.
(2) tilqa' t-tieni talba billi tillikwida d-danni sofferti mill-attur fis-somma ta' €8,977.44.
(3) tikkundanna lill-konvenut iħallas is-somma ta' €8,977.44 bl-imgħax legali mid-data ta' din is-sentenza sad-data tal-eventwali ħlas effettiv.

Bl-ispejjeż, kompriżi dawk ta' l-ittra uffiċjali tat-8 ta' Frar 2012 jinqasmu in kwantu għal 70% a kariku tal-konvenut u 30% a kariku tal-attur.

Moqrija.

ONOR. IMĦALLEF

GRAZIO MERCIECA